



**2020/2216(INI)**

25.2.2021

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali

għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

dwar it-tiswir tal-futur diġitali tal-Ewropa: it-tneħħija tal-ostakli għall-funzjonament tas-suq uniku diġitali u t-titjib tal-użu tal-IA għall-konsumaturi Ewropej  
(2020/2216(INI))

Rapporteur għal opinjoni (\*): Marion Walsmann

(\* ) Kumitat assoċjat – Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jistieden lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

### *Kummenti ġenerali*

1. Jenfasizza l-importanza ta' suq uniku diġitali kompletament operazzjonali u l-impatt pożittiv li l-użu tal-IA, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati jista' jkollu fuq is-swieq u s-soċjetà tagħna, peress li dawn għandhom il-potenzjal li jindirizzaw l-isfidi li jiffaċċjaw is-soċjetajiet, kif muri b'mod partikolari matul il-pandemija tal-COVID-19; iqtis, madankollu, li l-impatti soċjoekonomiċi, legali u etiċi għandhom jiġu indirizzati bir-reqqa f'konformità mal-valuri tal-UE sabiex tiġi stabbilita ċarezza legali għall-konsumaturi u n-negozji;
2. Isostni li l-SMEs, in-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu jeħtieġ li jiġu appoġġati fit-trasformazzjoni diġitali tagħhom peress li huma s-sinsla tal-ekonomija tal-Ewropa u jiżvolġu rwol importanti fl-adozzjoni ta' teknoloġiji ġodda fl-Ewropa; jistieden lill-Kummissjoni biex issegwi approċċ proporzjonat biex tali kumpaniji jkunu jistgħu jiżviluppaw u jinnovaw, billi tinkludi fil-leġiżlazzjoni futura miżuri speċifiċi għad-diġitalizzazzjoni tal-SMEs u n-negozji ġodda, biex twettaq kontroll tal-idoneità għall-SMEs qabel ma tintroduċi leġiżlazzjoni u biex kemm jista' jkun tnaqqas l-piżijiet u l-ostakli amministrattivi billi, fost l-oħrajn, tqis il-pożizzjoni tagħhom f'kull stadju tat-trasformazzjoni diġitali, tiżviluppa standards ekwi u effettivi, tneħħi l-ostakli legali mhux meħtieġa għall-aċċess għad-data u ttejjeb l-aċċess transfruntier għall-kontenut diġitali, filwaqt li fl-istess ħin tikseb l-oġettivi sottostanti ta' politika;
3. Jenfasizza li l-SMEs jiffaċċjaw ħafna sfidi fis-suq diġitali, peress li ħafna mis-sidien tagħhom mhumiex konxji tal-valur tad-data li huma joħolqu, m'għandhomx l-għodod meħtieġa biex jipproċessawha u mhumiex ippreparati biżżejjed biex joperaw f'ekonomija diġitali, u li l-aċċess veru għall-ġustizzja għall-SMEs jirrikjedi għarfien espert fl-oqsma tal-liġi u t-teknoloġija, u tali għarfien fiż-żewġ oqsma huwa skars u jqum il-flus; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, tintegra l-promozzjoni tal-għarfien espert fl-oqsma tal-liġi u tat-teknoloġija fl-Ewropa fl-istrateġija tagħha għall-ħiliet diġitali, jissottolinja l-ħtieġa li jiżdiedu l-investimenti u jilqa' t-tnedija ta' strumenti ta' finanzjament ġodda biex jappoġġjaw il-kumpaniji speċjalizzati fl-intelliġenza artifiċjali madwar l-Ewropa, inklużi l-SMEs u n-negozji ġodda;
4. Jirrimarka li s-suq uniku diġitali u l-IA qed jiżviluppaw b'mod rapidu u għalhekk jenfasizza l-importanza ta' qafas Ewropew flessibbli, validu għall-futur, proporzjonat u armonizzat; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tressaq proposti u inizjattivi bbażati fuq ekwilibriju tajjeb li jappoġġa l-innovazzjoni u jiżgura s-sikurezza u l-protezzjoni tal-konsumatur, u b'hekk tevita minn naħa waħda approċċ "wieħed tajjeb għal kulħadd" u, min-naħa l-oħra, il-frammentazzjoni tas-suq uniku diġitali permezz ta' approċċi nazzjonali diverġenti, inklużi saffi mhux meħtieġa ta' ostakli settorjali fil-qasam tal-IA;

### *It-titjib tal-użu tal-IA għall-konsumaturi Ewropej*

5. Jenfasizza li huwa meħtieġ qafas regolatorju ġdid għall-IA biex jiġu indirizzati r-riskji potenzjali tal-proċess deċiżjonali awtomatizzati u biex jiġu massimizzati l-fiduċja tal-utenti u l-benefiċċju għalihom, filwaqt li jiġu salvagwardati l-aħjar interessi taċ-ċittadini tal-UE u jiġi żgurat livell adegwat ta' protezzjoni; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, tippreżenta valutazzjoni tal-impatt bir-reqqa li tidentifika lakuni legali fil-liġijiet fis-seħħ, segwita minn proposta għal qafas leġislattiv ibbażat fuq ir-riskju, favur l-innovazzjoni, robust u validu għall-futur, ispirat minn approċċ umanistiku u ċċentrat fuq il-bniedem, għall-użu tal-IA u tas-sistemi awtomatizzati tal-proċess deċiżjonali, li jiffoka fuq l-eliminazzjoni tal-lakuni legali mingħajr preġudizzju għal-leġislazzjoni settorjali fis-seħħ;
6. Huwa tal-fehma soda li definizzjonijiet armonizzati u validi għall-futur ta' "AI" u "riskju għoli" huma kruċjali biex tingħata ċarezza legali lill-konsumaturi u lin-negozji, anki għall-finijiet ta' talba għal kumpens b'rabta ma' funzjonament ħażin jew inċident u fi ħdan il-qafas ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju; ifakkar li dan l-approċċ għandu jkollha il-potenzjal ta' dawn it-teknoloġiji li jiksru d-drittijiet fundamentali u li jikkawżaw preġudizzju jew ħsara lill-individwi jew lis-soċjetà kollha kemm hi, u jfakkar fil-ħtieġa ta' kontroll sħiħ mill-bniedem f'kull ħin fuq l-iżvilupp, it-tnedija u l-użu ta' applikazzjonijiet tal-IA b'riskju għoli;
7. Iqis li n-nuqqas ta' regoli Ewropej ċari dwar l-attribuzzjoni tar-responsabbiltà f'każ ta' funzjonament ħażin jew inċident ikkawżat minn applikazzjonijiet tal-IA huwa wieħed mill-ostakli ewlenin għall-implimentazzjoni ta' teknoloġiji bbażati fuq l-IA għal użu mifruż, u huwa, għalhekk, konvint li l-leġislazzjoni fis-seħħ jeħtieġ li tiġi modernizzata f'konformità mal-iżviluppi teknoloġiċi, fosthom dawk li huma possibbli permezz tal-IA; ihegġegħ lill-Kummissjoni taġġorna, fost l-oħrajn, id-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà għall-Prodotti<sup>1</sup>, b'mod partikolari billi tiddefinixxi mill-ġdid it-termini "prodott", "ħsara" u "difett" u tikkunsidra aġġustamenti għall-kunċett ta' "oneru tal-provi", li jenħtieġ li jirriflettu l-modifiki għad-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti<sup>2</sup>, u billi tipproponi qafas ta' responsabbiltà għall-operaturi tal-IA bbażat fuq ir-riżultati tal-valutazzjoni tal-impatt, li jkollha il-vulnerabbiltà tal-utenti u tal-konsumaturi tal-IA billi jggarantixxi l-protezzjoni effettiva tagħhom, jiżgura kumpens ġust lill-vittmi meta sseħħ il-ħsara u jkun ibbażat fuq il-proporzjon ta' kontroll li l-operatur għandu fuq ir-riskju tal-operat, hekk kif iqis il-fażijiet ta' żvilupp u ta' tnedija; jenfasizza li l-aġġornament tal-leġislazzjoni għandu jkun konformi mar-rakkomandazzjonijiet korrispondenti tal-Parlament Ewropew;
8. Jenfasizza li s-soċjetà, li fiha huma inklużi l-konsumaturi, għandha tibbenefika mill-iżvilupp, it-tnedija u l-użu responsabbli tat-teknoloġiji tal-IA li huma ta' benefiċċju għaċ-ċittadini, joħolqu opportunitajiet għan-negozji u jservu għat-tajjeb tas-soċjetà; jitlob lill-Kummissjoni, għalhekk, tiddefinixxi standards etiċi ċari għall-iżvilupp, it-tnedija u l-użu tal-IA, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati li jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali u jggarantixxu d-dinjità tal-bniedem, l-ekwità, is-sikurezza, is-sigurtà, it-trasparenza, il-governanza tajba u d-drittijiet fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumatur, filwaqt li tqis il-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar, u jistieden lill-Kummissjoni taħdem mill-qrib mal-Istati Membri fir-rigward tal-implimentazzjoni u l-infurzar ta' prinċipji etiċi, tiżviluppa linji gwida u tinvolvi liċ-ċittadini u lill-partijiet

---

<sup>1</sup> ĠU L 210, 7.8.1985, p. 29.

<sup>2</sup> ĠU L 11, 15.1.2002, p. 4.

ikkonċernati rilevanti;

9. Jissottolinja li, għat-taħriġ tal-IA, il-fluss liberu tad-data fi ħdan is-suq uniku diġitali li jiffunzjona f'konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli bħar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR)<sup>3</sup> huwa essenzjali u li dan għandu jkun sostnut minn qafas legali sottostanti solidu li jippromwovi l-fiduċja fost in-negozji u jinkludi, fejn meħtieġ, regoli kuntrattwali nondiskriminatorji u ekwi li jindirizzaw is-setgħa eżistenti jew l-iżbilanċi tas-suq biex jiġi żgurat approċċ favorevoli għall-konsumatur fil-qasam tal-aċċess u l-kontroll tad-data, u jiġu limitati l-ostakli mhux meħtieġa għad-disponibbiltà tad-data f'konformità mar-regoli Ewropej fil-qasam tal-protezzjoni tad-data, anki, fil-kundizzjonijiet xierqa, data ġġenerata b'rabta mal-għoti ta' servizzi ta' interess ġenerali b'mod konformi mal-liġi applikabbli tal-Unjoni; jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li tibni suq uniku Ewropew ġenwin għad-data, li jippermetti lin-negozji jibdedw joperaw jew jespandu, jinnovaw u jikkompetu jew jikkooperaw fuq termini ekwi;
10. Ifakkar fid-dimensjoni globali tal-opportunitajiet impliċiti fit-teknoloġiji tal-IA u jissottolinja li l-UE għandha tippożizzjona lilha nnifisha bħala mexxejja globali fl-iżvilupp tal-IA; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi kooperazzjoni internazzjonali konsistenti ma' pajjiżi tal-istess fehma li tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' sinerġiji fil-qasam tal-IA bejn l-entitajiet Ewropej u fora multilaterali oħra, sabiex tallinja l-isforzi u tikkordina aħjar l-iżvilupp tal-IA; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tappoġġa l-isforzi multilaterali biex jiġu diskussi l-proċessi ta' standardizzazzjoni internazzjonali fil-fora rilevanti sabiex jiġu orjentati l-iżvilupp, it-tnedija u l-użu tal-IA; jieħu nota, f'dan ir-rigward, tal-ambizzjoni li tiġi introdotta strateġija globali ta' kooperazzjoni diġitali u ftehim transatlantiku fil-qasam tal-IA;

### ***Il-funzjonament tas-suq uniku fir-rigward tal-elementi diġitali***

11. Jenfasizza li ċ-ċittadini, bħala utenti u konsumaturi, għandhom dejjem ikunu informati fil-ħin u b'mod intelliġibbli dwar l-eżistenza ta' sistemi algoritmiċi u li diġà qed jibbenefikaw minn regoli b'saħħithom fil-qasam tal-protezzjoni tad-data bħall-GDPR u d-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika<sup>4</sup>; jitlob l-adozzjoni rapida ta' Regolament b'saħħtu dwar il-Privatezza Elettronika u l-infurzar effiċjenti tal-GDPR u l-prinċipji tiegħu, inkluża l-privatezza mill-fażi ta' proġettazzjoni u dik b'mod awtomatiku; japprezza li l-Kummissjoni tipprevedi miżuri li jagħtu s-setgħa lill-individwi biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom u li tinkoraġġixxi sistemi ċċentrati fuq il-konsumatur ibbażati fuq prattiki ekwi u nondiskriminatorji, li jippermettu lill-konsumaturi jkollhom kontroll fuq l-għażliet tagħhom permezz tas-salvagwardja kostanti tal-kunsens tagħhom, tad-dritt tagħhom li jingħataw spjegazzjonijiet u, fejn possibbli, tad-dritt tagħhom li jużaw apparat konness u l-funzjonijiet kollha tiegħu, anke jekk il-konsumaturi jirtiraw il-kunsens tagħhom li jikkondividu d-data mal-manifattur tal-apparat jew ma' partijiet terzi;
12. Jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li l-utenti u l-konsumaturi jkunu informati kif xieraq u li d-drittijiet tagħhom ikunu definiti b'mod ċar u garantiti b'mod effettiv meta s-sistemi tal-IA jippersonalizzaw prodott jew servizz għall-utenti u meta dawn tal-aħħar jinteraġixxu

<sup>3</sup> ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1.

<sup>4</sup> ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37.

ma' sistemi deċiżjonali awtomatizzati jew ikunu soġġetti għal proċessi u deċiżjonijiet awtonomi, u li s-sistemi deċiżjonali awtomatiċi ma jagħmlux ħsara lill-konsumaturi jew jiġġeneraw outputs suġġettivi, inekwi, mhux raġonevoli jew inġustament distorti jew diskriminatorji għall-konsumaturi fis-suq uniku;

13. Jirrimarka li l-użu ta' algoritmi ta' awtotagħlim jippermetti lin-negozji jiksbu għarfien komprensiv dwar iċ-ċirkostanzi personali u x-xejriet tal-imġiba tal-konsumatur, li jippermettilhom jadattaw ir-reklamar tagħhom, u jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żgurata protezzjoni b'saħħitha tad-drittijiet tal-utenti fl-Att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA), b'mod partikolari sabiex jiġu protetti, fost l-oħrajn, il-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi, u biex l-utenti jiġu protetti minn prattiki kummerċjali dannużi bbażati fuq l-immirar mhux kunsenswali ta' reklamar jew l-isfruttament tad-data; itenni l-ħtieġa ta' trasparenza fit-termini kuntrattwali, li tippermetti lill-utent jagħmel għażla informata, u l-kundizzjonijiet għall-possibbiltà u l-ambitu tal-kondiviżjoni tad-data ma' partijiet terzi;
14. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi garantita trasparenza akbar fir-regoli relatati mal-konsumatur tal-pjattaformi tal-internet, kif ukoll il-konformità tagħhom mal-istandards Ewropej fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumatur, u li mhuwiex aċċettabbli li l-konsumaturi jiġu esposti għal prodotti mhux sikuri u kontrafatti; jenfasizza, għalhekk, il-fatt li huma meħtieġa responsabbiltajiet ċari għas-swieq online abbażi tal-prinċipju tal-proporzjonalità biex jissaħħa is-suq uniku diġitali; jenfasizza li r-responsabbiltà tal-pjattaformi li jospitaw kontenut għal oġġetti mibjugħa jew reklamati fuqhom għandha tiġi ċċarata fid-DSA għall-finijiet ta' salvagwardji tal-konsumatur, li għandhom jiġu osservati f'kull ħin, u l-miżuri ta' rimedju konkomitanti għall-bejjiegħa bl-immunità u l-konsumaturi jiġu kkunsidrati fis-seħħ, fost oħrajn, billi jiġi eliminat id-distakk legali li fih ix-xerrejja ma kisbux s-sodisfazzjon li huma intitolati għalih skont il-liġi jew il-kuntratt għall-provvista ta' oġġetti pereżempju minħabba n-nuqqas ta' kapaċità li jiġi identifikat il-bejjiegħ primarju (il-prinċipju kummerċjali "kun af il-klijent tiegħek"); jipproponi li tiġi kkunsidrata l-possibbiltà li l-fornituri tas-servizzi diġitali minn pajjiżi terzi li jipprovdu s-servizzi tagħhom fl-UE jkunu meħtieġa jistabbilixxu rappreżentant fi ħdan l-Unjoni;
15. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji tar-reġistru distribwit inkluż il-blockchain, jiġifieri l-kuntratti intelliġenti fis-suq uniku diġitali, u tipprovdi gwida u tikkunsidra l-iżvilupp ta' qafas legali xieraq sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza tad-dritt għan-negozji u l-konsumaturi, b'mod partikolari l-kwistjoni tal-legalità, l-infurzar ta' kuntratti intelliġenti f'sitwazzjonijiet transfruntiera, u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni notarili fejn applikabbli;
16. Jirrikonoxxi li jeżistu żbilanċi tas-suq fir-rigward tan-negozji diġitali, peress li pjattaformi kbar b'effetti sinifikanti tan-network li jirriżultaw, pereżempju, mid-data li jkollhom fil-pussess tagħhom, jistgħu jimponu l-prattiki kummerċjali tagħhom fuq il-konsumaturi u l-klijenti u għalhekk jaġixxu bħala "gwardjani online" de facto tal-ekonomija diġitali, u dan joħloq ostakli sinifikanti u kompetizzjoni inġusta li għandha impatt sproporzjonat fuq l-SMEs; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tintroduċi miżuri li jipproteġu d-drittijiet tal-konsumaturi, in-negozji ġodda u l-SMEs billi jiġu restawrati l-kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fis-suq intern u permezz ta' obbligi ċari għall-interoperabbiltà.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	22.2.2021
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 24 -: 0 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Manon Aubry, Gunnar Beck, Geoffroy Didier, Pascal Durand, Angel Dzhambazki, Ibán García Del Blanco, Jean-Paul Garraud, Esteban González Pons, Mislav Kolakušić, Gilles Lebreton, Karen Melchior, Jiří Pospíšil, Franco Roberti, Marcos Ros Sempere, Ernő Schaller-Baross, Stéphane Séjourné, Raffaele Stancanelli, Marie Toussaint, Adrián Vázquez Lázara, Axel Voss, Marion Walsmann, Tiemo Wölken, Lara Wolters, Javier Zarzalejos
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Andrzej Halicki, Javier Nart, Emil Radev

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>24</b>	<b>+</b>
PPE	Geoffroy Didier, Esteban González Pons, Jiří Pospíšil, Ernő Schaller-Baross, Axel Voss, Marion Walsmann, Juan Ignacio Zoido Álvarez
S&D	Ibán García Del Blanco, Franco Roberti, Marcos Ros Sempere, Tiemo Wölken, Lara Wolters
RENEW	Pascal Durand, Karen Melchior, Stéphane Séjourné, Adrián Vázquez Lázara
ID	Gunnar Beck, Jean-Paul Garraud, Gilles Lebreton
VERTS/ALE	Marie Toussaint
ECR	Angel Dzhambazki, Raffaele Stancanelli
GUE/NGL	Manon Aubry
NI	Mislav Kolakušić

<b>0</b>	<b>-</b>

<b>0</b>	<b>0</b>

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni